*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,117, 19 ta' Settembru, 2023*
*Taqsima B*

**A.L. 213 tal-2023**

## ATT DWAR IT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI (KAP. 439)

## Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali waqt it-Tbiċċir jew il-Qatla

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7(2) u 11 tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Tbiċċir jew il-Qatla u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Annimali waqt it-Tbiċċir jew il-Qatla, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali". L.S. 439. 03.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Emendi ġenerali għar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolamenti prinċipali għandhom jiġu emendati kif ġej:

(a) ir-regolamenti 4 sa 15, it-tnejn inklużi, tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra; u

(b) l-Iskedi kollha li jinsabu mar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Is-subregolament (4) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jimplimentaw ir-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla u sabiex jiġu imposti multi u penalitajiet meta jkun hemm ksur ta' dawn ir-regolamenti.".

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi

sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Tifsir. 2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, frażijiet u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-Att u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla:

Kap. 439. "Att" tfisser l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali;

"awtorità kompetenti" tfisser is-Servizzi Veterinarji.".

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Minnufih wara s-subregolament (2) tar-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Fejn id-Direttur tas-Servizzi Veterinarji jkollu raġuni valida sabiex jemmen li twettaq ksur ta' dawn ir-regolamenti, hu għandu jipproċedi skont l-artikolu 47 tal-Att.".